

**Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni**

(2022/C 145/07)



*Wiċċ nazzjonali tal-munita commemorattiva l-ġdida taż-żewġ euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mis-Slovenja*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom *status* ta' valuta legali fiż-Żona tal-Euro. Biex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha <sup>(1)</sup>. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 <sup>(2)</sup>, l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-żewġ euro biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-żewġ euro, iżda n-naħa nazzjonali tagħhom fiha disinn commemorattiv li jkun simboliku ħafna f'termini nazzjonali jew Ewropej.

**Il-pajjiż tal-ħruġ:** Is-Slovenja

**Is-suġġett tal-kommemorazzjoni:** Il-mija u ħamsin anniversarju mit-twelid tal-arkitett Jože Plečnik

**Id-deskrizzjoni tad-disinn:** Id-disinn juri dettall ta' tieqa kbira fil-kamra tal-qari tal-Librerija Nazzjonali u Universitarja b'pilastru quddiemha. Hija ssupplimentata b'kompożizzjoni tal-ittri A R H. P L E Ċ N I K. Dawn l-ittri huma inkorporati fit-tieqa f'ordni eżatta u jistgħu jinqraw metaforikament bħala firma tal-arkitett, li hija esibita fix-xogħol tiegħu stess. L-ittri jiddaħħlu f'fetħiet ta' twieqi approfonditi u jistgħu jinftiehem (fil-lingwa tal-perit Plečnik) bħala interventi arkitettoniċi spazjali, kif enfasizzat, imdaħħla fil-faċċata jew bħala oġġetti ddisinjati ġeometrikament. Il-kompożizzjoni kollha turi idea ta' spazju li tirrifletti r-rikkezza tal-ideat tal-arkitett. Hija ċċentrata madwar il-pilastru ewlieni, li għandu rwol li jimmarka l-ispace tal-munita u jpoġġi l-proporzjon barra - ġewwa jew quddiem - wara, waħda mill-ġesti komuni ta' Plečnik meta jkun qed jiġi ddisinjat l-ispace. B'dan, il-kompożizzjoni ssir minjatura spazjali, spazju fl-ispace, b'diversi saffi u mittika. Fil-qiegħ, l-iskriżzjoni "JOŽE PLEČNIK". Fuq ix-xellug, vertikalmnt, is-sena "1872". Fuq il-lemin, vertikalmnt, il-pajjiż tal-ħruġ "SLOVENIJA" u taħt is-sena tal-ħruġ "2022".

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**L-ġhadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu:** 1 000 000

**Id-data tal-ħruġ:** Jannar 2022

<sup>(1)</sup> Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għan-naħat nazzjonali tal-muniti kollha maħruġa fl-2002.

<sup>(2)</sup> Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).